13 ta' April, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Edgar Apap

**Rikatt — Qliegħ — Art. 263(1) tal-Kodiċi Kriminali**

*Il-liġi tikkontempla d-delitt ta' rikatt li jiġi kommess bil-ħsieb, fost oħrajn, li jsir xi qliegħ.*

*Il-kelma "qliegħ" fil-materja tirriferixxi għal xi ħaġa li għandha valur patrimonjali, u mhux kompriż fis-sens ta' dik il-kelma kwalunkwe godiment jew pjaċir, jew soddisfazzjon, anki mhux ta' valur patrimonjali. Jekk l-iskop tal-aġent kien dak ta' sodisfazzjon personali biss, sija pure riprovevoli, jonqos l-element kostitutiv tar-rikatt.*

Il-Qorti: — Rat ir-rinviju tal-Attorney General tal-5 ta' Frar 1957, li biħ l-imputat ġie rinvijat quddiem il-Qorti

Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta biex tiddeċidi fuq il-ħtija li tista' tirriżulta mill-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-istess imputat taħt dak li hemm maħsub fl-art. 263(1) tal-Kodiċi Kriminali, barra kull ċirkustanza oħra;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni fuq imsemmija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Frar 1957, li biha ddikjarat li fil-fatt jonqos l-element kostitutiv tar-reat attribwit lill-imputat, u konsegwentement sabitu mhux ħati u ordnat li jiġi liberat;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih dan appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li minflok jiġi deċiż li l-imputat hu ħati tad-delitt lilu mputat u li jiġi konsegwentement kundannat skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni hi dwar l-interpretazzjoni tal-kelma "qliegħ" fit-test malti — "gain" fit-test ingliż — tal-art. 263(1) Kap. 12, li fuqu hi mpernjata l-imputazzjoni;

L-Ewwel Qorti rriteniet li dik il-kelma tirriferixxi għal xi ħaġa li għandha valur patrimonjali, mentri l-Prosekuzzjoni ssottomettiet li hemm anki kompriżi kwalunkwe godiment jew pjaċir, jew soddisfazzjon anki mhux ta' valur patrimonjali. Il-pont hu vitali għall-imputazzjoni odjerna; għaliex fl-ittra inkriminata, għalkemm hemm il-minaċċa ta' rapport ta' delitt, il-kondizzjoni biex ma jsirx ir-rapport ta' delitt, il-kondizzjoni biex ma jsirx ir-rapport hi li Renato Ellul ikeċċi mill-impjeg l-impjegati taljani u lil ċertu Maraskų — kondizzjoni li, almenu fl-istat tal-provi, ma turix ħlief skop ta' sempliċi soddisfazzjon personali, sija pure perversa, u anki forsi ta' vendikazzjoni. Jista' jkun li l-veru skop tal-ittra kien li b'xi mod dan Renato Ellul, taħt dik

il-minaċċa, jiddeċidi jerġa jimpjega lill-imputat, li kien ġie minnu liċenzjat, biex jevita li dan jisparla fuqu; imma ma jistgħax jingħad li dan l-iskop (li kien jirrendi ożjuża l-kwistjoni ta' liġi) jirriżulta għas-suffiċjenza; u għalhekk għandu jitqies li, "juxta probata", l-iskop tal-imputat kien dak ta' soddisfazzjon personali biss, sija pure riprovevoli. Per konsegwenza, jeħtieġ li jiġi riżolut il-pont involut fl-appell tal-Prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat;

L-art. 263(1) Kap. 12, fit-test malti, jgħid hekk:— "Kull min, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġa oħra, jew li jagħmel xi qliegħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra teżegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titlu jew garanzija, ihedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra persuna oħra, jew li jagħmel malafama bħala ħatja ta' reat jew ta' fatt li jtellef il-ġieħ, jeħel......";

Fit-test ingliż, il-kliem rilevanti għall-każ huma:— "Whosoever, with intent to extort money or any other thing, or to make any gain......";

Fit-test taljan ta' qabel l-Edizzjoni Riveduta kien jingħad:— "Chiunque, colla vista di estorcere denaro od altro oggetto, o di fare altro lucro......";

Kosikkè, il-pont hu jekk il-kelma "qliegħ", jew "gain", jew "lucro", fit-test tal-liġi tikkomprendix anki soddisfazzjon kwalunkwe li min jagħmel il-minaċċa jipprokura b'effett tagħha, jew hijiex ristretta għal ħaġa li għandha valur patrimonjali;

Il-kwistjoni mhijiex ta' soluzzjoni ovvja, jew faċli, u l-istudju eżeġetiku tad-dispożizzjoni in parola ma hux għal kollox illuminanti, minħabba li, milli jidher, l-istess dispożizzjoni ma ġietx meħuda minn Kodiċi ieħor; f'liema każ

wieħed kien ikun jista' jirriskontra b'vantaġġ id-dottrina u l-ġurisprudenza estera in propożitu, jew id-diskussjonijiet fil-korp leġislativ esteru meta saret id-dispożizzjoni li tkun serviet ta' mudell. Infatti, ebda aċċenn għall-oriġini ta' din id-dispożizzjoni dwar dan id-delitt ta' rikatt ma hemm fl-Annotazzjonijiet tal-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camilleri għall-artikoli tal-Kodiċi Kriminali, kif lanqas ma hemm fil-kommenti tal-kompjant Imħallef Dottor Giuseppe Cremona. Hu risaput li l-kompilaturi tal-proġett tal-Kodiċi Kriminali Tagħna kienu ħadu bħala mudell diversi dispożizzjonijiet tal-Codice delle Due Sicilie, u kienu anki ħadu bħala gwida, f'diversi każijiet, l-insenjamenti tax-Chaveau et Helie fl-opera tagħhom "Teorica del Codice Penale". Iżda ebda artikolu simili ma hemm fil-Codice delle Due Sicilie; u fil-Kodiċi Franċiż hemm biss dak li sejjer jissemma l-quddiem;

L-iżvolġiment ta' din id-dispożizzjoni tal-art. 263 (1) Kap. 12 kien dan li sejjer jingħad. Fl-1836 ġie publikat il-Proġett imsejjaħ "Progetto del Codice Penale del 1835", kompilat minn kummissjoni ta' ġuristi insinji maltin, ċjoè Dr. Claudio Vincenzo Bonnici, Dr. Ignazio Gavino Bonavita, Dr. Giuseppe Francesco Falzon, Dr. Filippo Torreggiani, u Dr. Francesco Chapelle; u l-art. 325 ta' dak il-Proġett kien jgħid hekk:— "Chiunque, colla vista di estorcere qualche moneta od altro oggetto, minacciasse di denunziare, querelare o diffamare, un altro di un crimine......". F'din id-dispożizzjoni kien hemm biss, għalhekk, il-kliem "moneta od altro oggetto";

Andrew Jameson, fir-"Report on the Proposed Code of Criminal Law, 1844", ma xeħet ebda dawl fuq din id-dispożizzjoni, u qal biss dan:— "...... the law of threats seems to be defined with sufficient precision", għalkemm ikkritika l-kumplament ta' dik id-dispożizzjoni in kwantu kienet tiggradwa l-piena skond il-valur tal-oġġett estort;

Meta ġie effettivament promulgat il-Kodiċi Kriminali, id-dispożizzjoni in kommento — allura art. 239 (Tipografia

di Paolo Cumbo, ediz. 1854) — kienet hekk:— "Chiunque, colla vista di estorcere denaro od altro oggetto, o di indurre un altro, ecc. ......";

L-artikolu l-lum numerat 263 (1) kellu żewġ emendi — dik tal-Ordinanza IX tal-1859 u dik tal-Ordinanza VIII tal-1909. Din tal-aħħar ma hix importanti għall-kwistjoni f'dan l-appell, għaliex ma għamletx ħlief introduċiet fl-artikolu paragrafu ġdid dwar il-vjolenza privata, il-lum kontenuta fl-art. 264, u emendat l-intestatura tas-sotto-titolu billi żiedet il-kliem "e della violenza privata". Dik tal-1859 hi rilevanti, għaliex kien bl-art. 18 tagħha li ġew introdotti fid-dispożizzjoni l-kliem "o di fare altro lucro". Issa, billi fl-artikolu kien hemm diġà il-kliem "denaro od altro oggetto", kien ikun ferm illuminanti kieku dak iż-żmien kienu jiġu traskritti id-dibattiti fil-korp leġislativ, għaliex wieħed għandu jifhem li l-Avukat tal-Kuruna tal-epoka xi spjegazzjoni tal-aġġunta ċertament ta lil-Kunsill. Sfortunatament, mill-indaġini li għamel l-Imħallef sedenti, sija fil-kors tax-xogħol tar-Revised Edition, kemm ukoll in konnessjoni ma' din il-kawża, jirriżulta li allura, għad li kien hemm il-Kunsill taħt il-Kostituzzjoni tal-1849, ma kienux jinżammu ħlief speċi ta' minuti lakoniċi, bla ebda riferenza għal dak li bla dubju qal l-Avukat tal-Kuruna;

Fix-Chaveau et Helie, fit-test tagħhom "Teorica del Codice Penale", li, kif ingħad, iggwidat ukoll il-Kummissjoni Maltija, hemm aċċenn għall-art. 601 ta' dik l-epoka, li kien jgħid hekk:— "Chiunque avrà estorto denaro o robe ......";

Għalhekk hu ċert li, sa meta ma ġietx l-emenda tal-1859, il-lokuzzjoni tal-epoka kienet "denaro od altro oggetto" jew "robe" — ħaġa ċertament ta' valur patrimonjali materjali; tant li fil-Proġett il-piena kienet gradwata skond il-valur;

Jidher minn dan kollu li din id-dispożizzjoni kienet elaborata bħala dispożizzjoni oriġinali mill-istess Kummissjoni, bla ebda riferenza speċifika għal kodiċi ieħor jew għal xi awtur partikulari. Del resto, il-kummissjunarji stess, fir-Rapport tagħhom, fil-para. XXVII-XXX, kienu irrilevaw li, għalkemm huma kienu qagħdu ħafna fuq il-Codice delle Due Sicilie, però wieħed kellu joqgħod attent fl-interpretazzjoni, għaliex "di omissioni, di cangiamenti e di addizioni, ve ne sono non poche ......";

Il-problema ġuridika għalhekk hu x'inhu s-sens tal-kliem aġġunti bl-Ordinanza tal-1859 "o di fare altro lucro ......", jew aħjar tal-kelma "lucro";

Issa, f'din l-interpretazzjoni wieħed għandu jirrikorri tant għas-sens grammatikali, kemm anki għas-sens li ngħata lil dik il-kelma fid-dottrina kriminali;

Il-kelma "lucro" hi definita bħala "guadagno", li hi l-kelma "gain" fit-test ingliż. Etimoloġikament, din il-kelma ġejja mill-kelma "lucrum" latina, u għalhekk hu utili li wieħed jara x'kien is-sens fil-lingwa latina ta' din il-kelma "lucrum", molto pjù li din il-kelma "lucro" ġiet użata minn żmien antik fit-testi legali, u għalhekk fi żmienijiet meta l-Latin kien ferm aktar ħaġa ta' attwalità. Issa, il-kelma "lucrum" għandha s-sens ta' "lucro, guadagno, utile, acquisto, avanzo" (ara Vallauri, Lexicon Latini Italique Sermonis). Jekk wieħed jirriferixxi ruħu għall-awturi klassiċi, isib li l-kelma "lucrum" dejjem ġiet użata f'sens ta' xi ħaġa ta' valur patrimonjali. Hekk fil-frażi "lucri studium" ta' Orazio; jew "lucri cupido" ta' Ovidio ("cupidità di lucrare"). U l-istess jibqa' dan is-sens materjali tal-kelma anki jekk wieħed jieħu l-eżempju estrem tal-użu tagħha fit-Terenzio "Ouid mihi lucri est te fallere?" (Che guadagno c'ho io dall'ingannarti?"). Ma jinstabx użu tal-kelma f'sens ta' godiment jew sodisfazzjon personali jew morali;

Il-Carrara, fil-"Programma del Corso di Diritto Criminale", isemmi diversi drabi din il-kelma "lucro", u jsemmiha espressament bħala użata f'sens ampju; intant dejjem jagħti sens materjali tagħha. Hekk, Vol. V, para. 2554, fejn jgħid illi "il lucro" jista' jikkonsisti "in denaro o in altra cosa appetibile"; l-istess jirripeti fil-para. 2569 ibidem; u aktar kjarament fil-para. 2606 ibidem, dan l-awtur jgħid hekk:— "Del resto, anche qui la voce 'lucro' spendesi in quel senso lato che abbiamo già parecchie volte esemplificato: qualunque cosa appetibile rappresentante un godimento materiale ......";

Hu veru illi fil-kommenti tad-dottrina taljana għall-artikoli 168 u 171 ta' dak il-Kodiċi, relativa għal reati oħra, jingħad li biżżejjed vantaġġ jew sodisfazzjon kwalunkwe (ara Maino, comm. art. 168 p. 200, para. 909; Crivellari, Vol. V, paġ. 749; Conti. comm. art. 171, para. 28 u 70 bis); imma fl-art. 168 taljan ma hemmx il-kliem "for his own private gain" li hemm fl-artikolu korrispondenti nru. 125 malti; u fl-art. 171 taljan hemm il-kliem "o in altra utilità" — kelma talvolta aktar komprensiva mill-kelma "lucro". Għalhekk ma tantx jidher li wieħed jista' jestendi s-sinifikat tal-kelma "lucro" fl-art. 263 dwar ir-rikatt in bażi għal dawk l-insenjamenti *dwar l-art. 168 u 171 tal-Kodiċi Taljan* relativi għal reati oħra, għalkemm dawn il-kommenti tal-Qorti ma għandhomx jiġu ntiżi bħala li qegħedin jagħtu l-interpretazzjoni tal-kliem "for his own private gain" li hemm fl-art. 125, relativ għal reat ieħor, u li għalieħ jista' jkun hemm talvolta konsiderazzjonijiet oħra;

Għandu jiġi osservat ukoll li fil-liġi tagħna hemm kontemplata l-minaċċa li wieħed jakkuża lil ħadd ieħor minn delitt, bħala rikatt, u hemm anki kontemplat il-każ ta' akkuża kalunnjuża effettiva; u f'dan il-każ ta' kalunnja jingħad, fl-art. 99(a) tal-Kodiċi Malti:— "Meta d-delitt isir *bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra* ......"; u ma hux faċli li wieħed isib raġuni il-għaliex, meta ssir il-minaċċa biss ta' akkuża (rikatt), hu biżżejjed anki godiment kwalunkwe, anki mhux materjali, mentri, meta hemm

il-kalunnja effettiva, allura l-iskop hu limitat għal flus jew ħaġa materjali;

Jista' anki jiġi osservat, "in subsidium", li fil-liġi ingliża — sec. 29 Larceny Act, 1916 (Harris p. 263) — id-delitt ta' rikatt jew "blackmail" hu limitat għall-iskop tal-otteniment ta' oġġett materjali. Jingħad, infatti...... "to utter, knowing the contents thereof, any letter etc. accusing or threatening to accuse any other person of certain specified crimes with intent to extort or gain any property or valuable thing ......". Anki fil-liġi antika ngliża (ara Russell fl-edizzjoni antika tal-1828, paġ 578) kienu jissemmew "any chattel, money or valuable security ......" bħala oġġett tar-rikatt;

F'dawn il-kontinġenzi, partikularment meta wieħed jirrifletti li si tratta ta' materja "in odiosis", il-Qorti teżita li takkolji t-teżi tal-Prosekuzzjoni, għalkemm din kienet ġustifikata li tressaq il-kwistjoni għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti:

Ma hux kompitu ta' din il-Qorti li tintrattjeni ruħha biex tara jekk il-fatti ta' dan il-każ jinkwadrawx ruħhom f'xi reat ieħor; għaliex l-Ewwel Qorti espressament asteniet milli tikkunsidra reati oħra stante r-remissjoni tal-kwerela;

Jekk mbgħad hux il-każ ta' xi emenda "in lege ferenda", sabiex każijiet ta' abbużi simili ma jmorrux impuniti, anki fis-sens li ma jibqgħux jiddependu mill-azzjoni tal-privat, dan hu attribut ta' poter ieħor wara studju "funditus" tal-kwistjonijiet kollha nvoluti;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi, billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.